

Brussell, 28 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14802/18

Fajls Interistituzzjonali:
2017/0121(COD)
2017/0122(COD)
2017/0123(COD)

TRANS 582
SOC 738
EMPL 552
MI 903
COMPET 823
CODEC 2123

RAPPORT

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kunsill

Nru. dok. preċ.: ST 13922/1/18 REV 1

Nru dok. Cion: ST 9668/17
ST 9670/17
ST 9671/17

Suġġett: Pakkett dwar il-Mobbiltà I:

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1071/2009 u r-Regolament (KE) Nru 1072/2009 bl-għan li jiġu adattati għall-iżviluppi fis-settur

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward ta' rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet massimi ta' sewqan kuljum u kull ġimgħa, il-pawżi minimi u l-perijodi ta' mistrieħ kuljum u kull ġimgħa u r-Regolament (UE) 165/2014 fir-rigward tal-pożizzjonament permezz ta' takografi

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward ta' rekwiżiti tal-infurzar u li tistabbilixxi regoli speċifiċi rigward id-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq

– Approċċ ġenerali

I. INTRODUZZJONI

1. Il-Kummissjoni adottat it-tliet proposti fil-31 ta' Mejju 2017 bħala parti mill-ewwel sensiela tal-Pakkett dwar il-Mobilità. L-approċċi ewlenin tal-proposti individwali huma dawn li ġejjin:
 - *L-aċċess għall-professjoni u s-suq*: issikkar u armonizzar tal-kondizzjonijiet tal-istabbiliment ta' kumpanniji u t-titjib tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri kontra l-kumpanniji tal-isem; liċenzjar obligatorju ta' operaturi ta' vetturi kummerċjali ħfief; reviżjoni u simplifikazzjoni tar-restrizzjonijiet tal-kabotaġġ u mekkaniżmi relatati ta' kontrolli; il-mixja lejn dokumenti elettroniċi;
 - *Ħinijiet tal-mistrieħ u tas-sewqan u t-takografu*: żieda tal-flessibbiltà fl-użu tal-perijodi ta' mistrieħ fil-ġimgħa biex ikun faċli għax-xufiera li jmorru lura d-dar; obbligu ċar għall-operaturi li jipprovdu akkomodazzjoni xierqa u mħallsa barra l-kabina tax-xufier; obbligu tar-reġistrazzjoni tal-qsim tal-fruntieri fit-takografu sabiex ikunu ffaċilitati l-kontrolli;
 - *L-istazzjonar tal-ħaddiema fis-settur tat-trasport bit-triq u l-infurzar tal-leġislazzjoni soċjali*: kjarifika tal-applikazzjoni tal-prinċipji tal-"istazzjonar tal-ħaddiema" permezz tal-istabbiliment ta' limitu tal-ħin li wieħed jgħaddi fi Stat Membru (tlitt ijiem fix-xahar fil-każ tat-trasport internazzjonali) wara liema żmien jibdedw japplikaw ir-regoli nazzjonali dwar il-paga minima u l-liv annwali mħallas; listi ta' kontrolli dettaljati għall-kontrolli fl-Istat Membru ospitanti bbażati fuq metodu armonizzat għall-kejl tar-riskji u li jkopru wkoll id-direttiva dwar il-ħin tax-xogħol.

2. Il-Kumitat tal-Parlament Ewropew għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) ħatar lis-Sur Ismail Ertug (S&D, DE) bħala r-rapporteur għall-proposta li temenda r-Regolamenti 1071/2009 u 1072/2009, is-Sur Wim van de Camp (PPE, NL) bħala r-rapporteur għall-proposta li temenda r-Regolamenti 561/2006 u 165/2014, u lis-Sinjura Merja Kyllönen (EUL/NGL, FI) bħala r-rapporteur għall-proposta li temenda d-Direttiva 2006/22/EC u li tistabilixxi regoli speċifiċi dwar l-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq. Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (EMPL) ta opinjonijiet fuq l-ewwel proposta fit-30 ta' April 2018, fuq it-tieni waħda fis-26 ta' April 2018 u fuq it-tielet waħda fl-4 ta' Mejju 2018. Il-Plenarja tal-Parlament, fil-laqgħa tagħha tal-4 ta' Lulju 2018, ivvotat dwar l-emendi għar-rapporti TRAN, iżda ma nkisbet ebda maġġoranza għall-approvazzjoni ta' xi wieħed minnhom. Id-deliberazzjonijiet ikomplu fil-Kumitat TRAN.
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta żewġ opinjonijiet dwar it-tliet proposti fit-18 ta' Jannar 2018, u l-Kumitat tar-Reġjuni Ewropew opinjoni waħda li tkopri dawk il-proposti fl-1 ta' Frar 2018.

II. ĦIDMA FI ĦDAN IL-KUNSILL

4. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art studja l-proposti li saru taħt Presidenzi preċedenti bejn l-1 ta' Ġunju 2017 u l-14 ta' Mejju 2018, li rriżulta frapporti ta' progress li ġew ippreżentati lill-Kunsill fil-5 ta' Diċembru 2017 u fis-7 ta' Ġunju 2018.¹ Id-delegazzjonijiet ta' DK u ta' UK għad għandhom riżervi ta' skrutinju parlamentari.
5. Matul il-Presidenza Awstrijaka l-grupp ta' ħidma ddiskuta t-triq 'il quddiem possibbli u diversi kompromessi tal-Presidenza bejn l-1 ta' Ottubru u s-6 ta' Novembru 2018. Il-kompromessi tal-Presidenza għandhom l-għan li jsibu bilanċ bejn protezzjoni soċjali adegwata u l-funzjonament tas-suq intern filwaqt li jitnaqqas il-piż amministrattiv. Huma msejsa fuq il-pilastri prinċipali li ġejjin li huma meqjusa bħala pakkett:

¹ dokumenti 14841/17 u 9259/18.

6. Takografi (Regolament 165/2014)

- Minn Ġunju 2022, il-vetturi l-ġodda għandhom ikunu mgħammra bit-tieni verżjoni tat-takografu intelliġenti (it-tieni paragrafu tal-Art. 8(1)). Vetturi mgħammra bl-ewwel verżjoni tat-takografu intelliġenti minn Ġunju tas-sena d-dieħla jeħtieġ li jirċievu aġġornament tas-software għat-tieni verżjoni sa tmiem l-2024.
- Il-vetturi kollha li jwettqu operazzjonijiet ta' trasport internazzjonali għandhom jiġu modifikati retroattivament bit-tieni verżjoni tat-takografu intelliġenti sa tmiem l-2024 (Art. 3(4)).
- Permezz tat-tieni verżjoni ser ikun possibbli li r-reġistrazzjoni ssir b'mod awtomatiku meta u fejn vettura taqşam fruntiera, u li jiġu lokalizzati l-attivitajiet ta' tagħbija u ħatt.
- Sakemm il-proċess tal-modifika retroattiva jkun tlesta, ix-xufiera għandhom ikunu obbligati jirreġistraw manwalment il-kodiċi tal-pajjiż fl-ewwel post ta' waqfien wara l-fruntiera meta jintuża takografu analogu jew diġitali.
- Minħabba ammont akbar ta' data li għandha tiġi rreġistrata mit-takografi intelliġenti l-ġodda u l-ħtieġa li jinħażnu l-aħħar 56 jum ta' input, kif propost mill-Presidenza, il-kards tax-xufiera ser ikollhom jiġu sostitwiti sal-2024.²

Il-kompromess tal-Presidenza jista' jinsab fl-addendum 3 għal dan ir-rapport.

7. Kabotaġġ (Regolament 1072/2009)

- Ir-regola attwali ta' massimu ta' tliet operazzjonijiet f'sebat ijiem (Art. 8 (2)) għandha tinżamm, filwaqt li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati mill-evalwazzjoni ex post permezz ta' monitoraġġ aħjar permezz tal-informazzjoni tat-takografu kif ukoll dokumenti tal-merkanzija fuq karta jew f'forma elettronika aċċessibbli waqt il-kontrolli f'ġenb it-triq (Art. 8 (3) u (4a)).

² Il-kards tax-xufiera jeħtieġ li jiġu sostitwiti kull 5 snin. Minħabba li l-kards tax-xufiera teknikament ser jiġu rifjutati wara 5 snin, mhix possibbli estensjoni tal-validità tal-kards tax-xufiera eżistenti sabiex din il-validità taqbel eżatt mas-sena tat-tiġdid tat-takografi, l-2024.

- Sabiex jiġi indirizzat l-abbuż fil-forma ta' kabotaġġ sistematiku, għandu jiġi introdott perijodu ta' preklużjoni ta' sebat ijiem (Art. 8 (2a)), wara l-aħħar operazzjoni ta' kabotaġġ fil-limitu ta' żmien permess, qabel ma jkunu jistgħu jitwettqu aktar operazzjonijiet ta' kabotaġġ fl-istess Stat Membru bl-istess vettura.

Il-kompromess tal-Previdenza jista' jinsab fl-addendum 2 għal dan ir-rapport.

8. Kriterji ta' stabbiliment għal operaturi tat-trasport bit-triq (Regolament 1071/2009)

- In-neċessità li jiġu stabbiliti b'mod effettiv l-operaturi tat-trasport bit-triq, għall-kuntrarju ta' sempliċi kumpanniji tal-isem, għandha tissaħħaħ permezz ta' ritorn regolari fi żmien sitt ġimgħat lejn ċentru operazzjonali fl-Istat Membru ta' stabbiliment tal-vetturi użati fit-trasport internazzjonali (Art 5(1)(ca)). Dan l-obbligu għandu jiġi modifikat għal Stati Membri insulari sabiex jiġi evitat piż sproporzjonat.

Il-kompromess tal-Previdenza jista' jinsab fl-addendum 1 għal dan ir-rapport.

9. Ħinjiet ta' sewqan u ta' mistrieħ (Regolament 561/2006)

- It-trasportatur għandu jiġi obligat jorganizza l-iskedi tax-xogħol b'tali mod li x-xufier jista' jmur lura d-dar mill-anqas kull 4 ġimgħat (Art. 8(8a)), b'tali mod li dan għandu jitmexxa 'l quddiem għal tliet ġimgħat f'każ ta' żewġ perijodi ta' mistrieħ iqsar preċedenti fil-ġimgħa. It-trasportatur jeħtieġ jagħti prova li huwa ssodisfa dan l-obbligu billi jipprovdi rosters tax-xogħol, rekords tat-takografu u kwalunkwe evidenza oħra disponibbli.
- Ir-regola attwali dwar il-ħin ta' sewqan massimu (90 siegħa matul ġimagħtejn, Art. 6 (3)) għandha tibqa' fis-seħħ. Fl-istess ħin, għandu jkun hemm il-possibbiltà ta' żewġ perijodi iqsar ta' mistrieħ konsekuttivi fil-ġimgħa fuq perijodu ta' erba' ġimgħat (Art. 8(6)). L-objettiv ta' din il-proposta, li diġà jinsab fl-inizjattiva tal-Kummissjoni, huwa li titħeġġeġ il-kompożizzjoni ta' perijodi ta' mistrieħ itwal (mistrieħ regolari ta' kull ġimgħa ta' 45 siegħa + kumpens għal perijodi iqsar ta' mistrieħ). Il-Previdenza tissuġġerixxi li f'każ ta' żewġ perijodi iqsar ta' mistrieħ konsekuttivi fil-ġimgħa, il-perijodu ta' mistrieħ regolari li ġej għandu diġà jiġi mtawwal b'perijodu ta' kumpens.

- Il-mistrieħ regolari ta' kull ġimgħa (ta' mill-inqas 45 siegħa) għandu jittieħed barra mill-kabina f'post xieraq imħallas mill-impjegatur (għajr jekk is-sewwieq imur lura d-dar), Art. 8 (8). Din il-projbizzjoni fuq l-irqad fil-kabina tikkorrispondi għall-proposta tal-Kummissjoni.
- Sabiex jiġu indirizzati problemi prattiċi biex tinstab akkomodazzjoni xierqa qrib in-netwerk tat-toroq, il-mistrieħ regolari ta' kull ġimgħa jista' eċċezzjonalment jittieħed fil-vettura jekk din tiġi pparkjata f'żona ddedikata b'faċilitajiet adegwati u jekk il-kabina tissodisfa ċerti kriterji minimi (Art. 8(8)). Kwalunkwe tariffa għall-aċċess imposta għaż-żoni ddedikati għandha tiħallas mit-trasportatur.
- Bħala miżura tranżitorja (18-il xahar), fid-dawl ta' nuqqas ta' żoni ta' parkeġġ dedikati, l-irqad f'kabina kwalifikanti jista' jiġi permess waqt li tkun ipparkjata f'żoni ta' parkeġġ mhux kwalifikanti li tipprovdi mill-anqas faċilitajiet sanitarji.

Il-kompromess tal-Presidenza jista' jinsab fl-addendum 3 għal dan ir-rapport.

10. Stazzjonar tax-xufiera (lex specialis għad-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema)

- Il-Presidenza tipproponi li l-kunċett ta' perijodu ta' grazzja jiġi abbandunat u li minflok l-attenzjoni tiġi ffokata fuq in-natura tal-operazzjoni. Jekk operazzjoni tkun organizzata b'tali mod li r-rabta ta' ħidma tax-xufier mal-Istat Membru ta' stabbiliment tibqa' intatta, ix-xufier għandu jiġi eskluż mir-regoli dwar l-istazzjonar. Dan l-approċċ jevita wkoll l-identifikazzjoni diffiċli tal-għadd ta' jiem jew sigħat preferibbli.
- It-tranziti għandhom jiġu esklużi b'mod esplicitu mir-regoli dwar l-istazzjonar (Art. 2 (2e)).
- L-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali għandhom ukoll jiġu esklużi b'mod espliċitu mir-regoli dwar l-istazzjonar (Art. 2(2)). Operazzjoni ta' trasport bilaterali tfisser il-moviment ta' merkanzija³, abbażi ta' kuntratt ta' trasport, mill-Istat Membru ta' stabbiliment fejn titgħabba l-merkanzija, lejn Stat Membru ieħor jew pajjiż terz, fejn tinħatt. Jekk l-operazzjoni tat-trasport bilaterali tiġi segwita mill-vjaġġ ta' ritorn lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment, ix-xufier għandu wkoll jiġi eskluż mir-regoli dwar l-istazzjonar għal dak il-vjaġġ.

³ Dispożizzjoni simili hija proposta għat-trasport tal-passiġġieri.

- Jekk dan il-vjaġġ lejn il-pajjiż tad-destinazzjoni jgħaddi minn Stati Membri oħra, għandhom jiġu permessi massimu ta' żewġ attivitajiet addizzjonali ta' tagħbija/ħatt mingħajr ma japplika r-reġim tal-istazzjonar. Jekk il-vjaġġ tar-ritorn lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment jerġa' jgħaddi mill-istess Stati Membri, għandhom jiġu permessi żewġ attivitajiet addizzjonali oħra ta' tagħbija/ħatt mingħajr ma jaqgħu taħt ir-reġim tal-istazzjonar.
- Għat-tipi l-oħra kollha ta' operazzjonijiet, inkluż il-kabotaġġ, ir-reġim sħiħ dwar l-istazzjonar japplika mill-ewwel jum tal-operazzjoni, minħabba li ma hija prevista l-ebda regola speċjali (għajr għal regoli speċjali dwar il-kontroll u l-infurzar).
- Fir-rigward tal-parti bit-triq ta' operazzjoni ta' trasport ikkombinat, ix-xufier ma għandux jitqies bħala stazzjonat jekk il-parti bit-triq fiha nfisha tkun operazzjoni ta' trasport bilaterali mill-Istat Membru ta' stabbiliment. Fil-każijiet l-oħra kollha, jiġifieri meta l-parti bit-triq titwettaq *fi ħdan* Stat Membru ieħor, ix-xufier għandu jitqies bħala stazzjonat (Art. 2 (2f)).
- Biex jitnaqqas il-piż amministrattiv, għandha tiġi introdotta lista magħluqa tad-dokumenti meħtieġa għal spezzjoni f'ġenb it-triq (Art. 2 (4)), kif propost mill-Kummissjoni. Is-sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) għandha tintuża għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u għall-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet u dokumenti ta' rimunerazzjoni fir-rigward tal-istazzjonar mill-kumpannija ta' trasport.
- Ir-regoli speċjali dwar l-istazzjonar għandhom jibdeu japplikaw kemm jista' jkun malajr (skadenza ta' implimentazzjoni ta' 18-il xahar) sabiex tiġi pprovduta ċarezza lis-settur u jintemmu l-miżuri nazzjonali b'kamp ta' applikazzjoni u proċedura differenti. Il-Presidenza tissuġġerixxi, madankollu, li tiddaħħal gradwalment il-possibbiltà tal-użu ta' flessibbiltà addizzjonali għat-tagħbija/ħatt flimkien mal-introduzzjoni tat-tieni verżjoni tat-takografu intelliġenti.

Il-kompromess tal-Presidenza jista' jinsab fl-addendum 4 għal dan ir-rapport.

III. KWISTJONIJIET PENDENTI EWLENIN

11. Kabotaġġ (Regolament 1072/2009)

- Is-suġġeriment tal-President ta' perijodu ta' preklużjoni ta' sebat ijiem titqies sproporzjonata minn ħafna Stati Membri; xi wħud minnhom assolutament mhumiex lesti jaċċettaw perijodu ta' preklużjoni, jew biss fuq skala tal-mistrieħ ta' kull ġimgħa. Xi Stati Membri jqisu perijodu ta' sebat ijiem bħala insuffiċjenti. Xi delegazzjonijiet oħrajn appoġġaw l-idea ta' salvagwardja alternattiva li tipprevedi r-ritorn tal-vettura lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment qabel ma jkunu jistgħu jinbdew operazzjonijiet ġodda ta' kabotaġġ, wara operazzjoni ta' trasport internazzjonali.
- Xi delegazzjonijiet qiesu li huwa importanti ħafna li tiġi stabbilita salvagwardja kontra l-użu ħażin tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' trasport ikkombinat għal operazzjonijiet ta' kabotaġġ kontinwu.⁴

12. Kriterji ta' stabbiliment għall-operaturi ta' trasport bit-triq (Regolament 1071/2009)

- Bosta delegazzjonijiet jopponu li jkollhom, bħala element ta' stabbiliment effettiv, obbligu għar-ritorn regolari ta' vettura użata fi trasport internazzjonali lejn ċentru operazzjonali fl-Istat Membru ta' stabbiliment. Fil-fehma tagħhom, dan ir-rekwiżit jiddiskrimina kontra Stati Membri periferali, huwa sproporzjonat fil-kamp ta' applikazzjoni u jmur kontra l-politika dwar is-Suq Uniku u dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet. Xi delegazzjonijiet oħrajn jesprimu tħassib dwar l-infurzabbiltà ta' tali obbligu permezz tal-ispettorati tax-xogħol jew dawk kummerċjali. Delegazzjonijiet oħra jappoġġaw lill-Presidenza fit-tisħiħ tal-kriterji ta' stabbiliment f'dan ir-rigward, sabiex tiġi miġġielda l-prattika ta' kumpanniji tal-isem u qed jitolbu għal ritorn aktar frekwenti (proposta attwali: kull sitt ġimgħat).

⁴ Ara f'dan il-kuntest ir-Rapport lill-Kunsill dwar il-proposta li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE dwar l-istabbiliment ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat ta' prodotti bejn Stati Membri.

13. Ħinijiet ta' sewqan u ta' mistrieħ (Regolament 561/2006)

- Fir-rigward tar-"ritorn lura d-dar" regolari tax-xufier, id-delegazzjonijiet għandhom fehmiet diverġenti dwar il-frekwenza, li tvarja bejn kull ġimagħtejn sa tmien ġimgħat. Diversi delegazzjonijiet jinsistu li tingħata aktar attenzjoni lill-għażla tax-xufier fir-rigward tal-post fejn jqatta' l-mistrieħ regolari.
- Fir-rigward tal-projbizzjoni fuq l-irqad fil-kabina waqt il-mistrieħ regolari ta' kull ġimgħa, diversi delegazzjonijiet iżommu l-pożizzjoni tagħhom li ma għandha tingħata l-ebda eżenzjoni, peress li dawn il-perijodi jeħtieġ li jimplikaw distakk fiżiku bejn ix-xufiera u l-vetturi sabiex ix-xufiera jkollhom sens reali ta' ħin liberu. Barra minn hekk, huma jqisu li l-enfasi fuq il-kwalifikazzjoni taż-żoni ta' parkeġġ jiżgwida għal ġo diskussjoni dwar l-infrastruttura mingħajr ma jsolvi tassew il-problema tal-konġestjoni tal-parkeġġi.
- Għadd kbir ta' delegazzjonijiet jappoġġaw l-approċċ tal-Presidenza, iżda jitolbu barra minn hekk perijodu tranżitorju itwal li jippermetti l-użu ta' parkeġġi mhux kwalifikanti sabiex tittaffa l-problema li l-għadd ta' parkeġġi disponibbli li għandhom il-karatteristiċi meħtieġa illum mhuxwix biżżejjed.
- Xi delegazzjonijiet għad għandhom riżerva ta' skrutinju negattiva dwar il-flessibbiltà tal-proposta fir-rigward tat-teħid ta' żewġ perijodi iqsar ta' mistrieħ konsekuttivi ta' kull ġimgħa, fid-dawl ta' kwistjonijiet relatati mas-sikurezza fit-toroq.

14. Stazzjonar tax-xufiera (lex specialis għad-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema)

- Il-maġġoranza tad-delegazzjonijiet jappoġġaw lill-Presidenza fl-approċċ li ċerti tipi ta' trasport jiġu eżentati mid-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema, u biex din id-Direttiva tiġi applikata mingħajr restrizzjonijiet għal oħrajn. Madankollu, xi delegazzjonijiet għadhom mhux konvinti, għal raġunijiet differenti: jew jistmerru d-diskriminazzjoni kontra ċerti mudelli ta' negozju bħala konsegwenza, u vantaġġi kompetittivi possibbli għal operaturi ta' pajjiżi terzi, jew iħossu n-nuqqas tas-salvagwardja ta' limitu strett ta' żmien li warajh ir-regoli dwar l-istazzjonar għandhom japplikaw f'kull każ.
- Id-delegazzjonijiet ġeneralment jaċċettaw li r-regoli dwar l-istazzjonar ma għandhomx japplikaw f'sitwazzjoni ta' tranżitu, u għandhom japplikaw matul operazzjonijiet fis-suq nazzjonali (kabotaġġ). Fir-rigward tal-eżenzjoni għall-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali proposta mill-Presidenza, il-parti l-kbira tad-delegazzjonijiet jistgħu jaċċettaw dan bħala prinċipju, iżda hemm fehmiet differenti dwar id-dettalji importanti tagħha, b'mod partikolari:

- l-ambitu ta' "bilaterali", jekk għandux joriġina fl-Istat Membru ta' stabbiliment u jekk il-vjaġġ tar-ritorn għandux jiġi eżentat biss soġġett għal restrizzjonijiet. Xi delegazzjonijiet jippreferu definizzjoni usa';
 - il-flessibbiltà għal attivitajiet addizzjonali ta' tagħbija u/jew ta' ħatt tul it-triq. Xi Stati Membri jikkunsidraw li żewġ attivitajiet huma minimu assolut. Oħrajn jopponu kwalunkwe flessibbiltà addizzjonali, waqt li jsostnu li dan idgħajjef il-kunċett ta' distinzjoni bejn it-tipi ta' trasport u jwassal għal problemi ta' kontroll.
- Id-delegazzjonijiet għandhom fehmiet differenti dwar meta għandhom jibdeu jiġu applikati r-regoli speċjali dwar l-istazzjonar. Xi wħud minnhom, b'mod partikolari meta sadanittant ikunu żviluppaw skemi, jeħtieġu tranżizzjoni gradwali u jaraw it-tieni verżjoni tat-takografu intelliġenti bħala prerekwiżit li jippermetti l-infurzar tar-regoli l-ġodda. Oħrajn jeħtieġu applikazzjoni immedjata, fid-dawl tal-iskeda ta' żmien għall-emenda tad-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema u qed isostnu li l-kontroll imtejjeb tar-regoli dwar l-istazzjonar ser ikun possibbli mingħajr it-tieni verżjoni tat-takografu intelliġenti.
15. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni appoġġa lill-Presidenza fit-tentattiv tagħha biex tilħaq bilanċ fil-pakkett ta' kompromess. Ir-rappreżentant wera simpatija għal għadd ta' elementi ġodda meta mqabbla mal-proposta preċedenti (b'mod partikolari l-modifika retroattiva aktar kmieni, eżenzjonijiet limitati mill-projbizzjoni fuq l-irqad fil-kabina, l-użu tas-sistema ta' IMI) u talab, fir-rigward tar-regoli dwar il-kabotaġġ, li l-kompromess, f'dan l-istadju tal-evoluzzjoni tal-politika komuni tat-trasport, ma għandu jirriżulta la f'żieda u lanqas fi tnaqqis tal-aċċess għas-suq, li kienet l-idea li tinfed il-proposta tal-Kummissjoni. Fir-rigward tar-regoli dwar l-istazzjonar, il-Kummissjoni saħqet li kwalunkwe mudell li jiġi stabbilit għandu jirrispetta l-prinċipju ta' bilanċ bejn il-protezzjoni tad-drittijiet soċjali tax-xufiera u l-libertà tal-forniment transkonfinali ta' servizzi mill-operaturi.
16. Fit-23 ta' Novembru 2018, il-Coreper eżamina l-proposti għat-tieni darba bi tħejjija għall-laqqha tal-Kunsill u ddeċieda li jibgħat il-fajl, bil-kwistjonijiet pendenti, lill-Kunsill għal deċiżjoni.

17. Wara l-laqgħa tal-Coreper, il-Presidenza għamlet dawn il-bidliet għall-kompromess:

- Fl-Art. 8 (8a) tal-proposta dwar ir-Regolament 561/2006 (l-obbligu tal-impjegatur li jorganizza ir-ritorn lura d-dar tax-xufier⁵), żdiedet ir-residenza tax-xufier bħala destinazzjoni alternattiva ta' ritorn, sabiex tagħmel id-dispożizzjoni tar-ritorn aktar attraenti għax-xufiera;
- Fl-Artikolu 2 tal-*lex specialis*, għadd ta' bidliet għandhom l-għan li jiċċaraw aktar l-eżenzjoni mir-regoli dwar l-istazzjonar⁶: Iddaħħal il-paragrafu 1a biex jiċċara l-kamp ta' applikazzjoni ta' sitwazzjonijiet ta' stazzjonar koperti mir-regoli speċjali, jiġifieri li x-xufier jintbagħat fi Stat Membru ieħor taħt kuntratt jew jintbagħat fi stabbiliment jew impriża li huma proprjetà tal-impriża li qed tibgħat. Fil-paragrafu 2, żdiedet referenza għad-definizzjoni ta' "pajjiż ta' stabbiliment". Il-paragrafi 2 sa 2c jipprovdu struttura aktar ċara għall-eżenzjoni (trasport bilaterali ta' prodotti, attività addizzjonali fit-trasport ta' prodotti, trasport bilaterali ta' passiġġieri, attività addizzjonali fit-trasport tal-passiġġieri). Fl-aħħar nett, żdied il-paragrafu 2d biex jiċċara li r-regoli dwar l-istazzjonar japplikaw matul operazzjonijiet ta' kabotaġġ.

IV. KONKLUŻJONIJIET

18. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill huwa mistieden jeżamina t-testi li jinsabu fl-addenda għal dan ir-rapport u jadotta approċċ ġenerali dwar il-proposta.

⁵ ADD 3 għal dan ir-rapport, paġna 9.

⁶ ADD 4 għal dan ir-rapport, paġni 15 u 16.